A.L. 1 tal-2022

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-PRESIDENT TA' MALTA U TA' UFFIĊJALI OĦRA (KAP. 186)

Ordni tal-2022 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

Reviżjoni tas-salarju tal-President.

2. Għandu jitħallas lill-President ta' Malta, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 2 tal-Att, salarju skont l-Iskeda hawn taħt mill-1 ta' Jannar 2022.

	2022	
	Paga Bażika	*Cash Payment*
President ta' Malta.....	€66,839	€518

Reviżjoni tas-salarji ta' Uffiċjali oħra.

3. Għandu jitħallas lid-detenut tal-kariga speċifikata fl-ewwel kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, minflok is-salarju stabbilit bl-artikoli 2 u 3 tal-Att, is-salarju fis-sena rispettivament speċifikat għal din il-kariga fit-tieni kolonna ta' din l-Iskeda.

SKEDA
(Artikolu 3)

	2022	
	Paga Bażika	*Cash Payment*
Avukat Ġenerali.....	€64,632	€501
Avukat tal-Istat.....	€64,632	€501